Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16526/14
(OR. en)

PRESSE 630
PR CO 66

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3354 laqgħa tal-Kunsill

Ġustizzja u Affarijiet Interni

Brussell, 4 u 5 ta' Diċembru 2014

Presidenti **Andrea Orlando**
Ministru għall-Ġustizzja tal-Italja
Angelino Alfano
Ministru għall-Intern tal-Italja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

ĠUSTIZZJA

Protezzjoni tad-data

Sar progress mill-Ministri għall-Ġustizzja rigward il-qafas tal-UE għall-protezzjoni tad-data. Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali dwar aspetti speċifiċi tal-abbozz ta’ regolament li jistabbilixxi qafas ġenerali tal-UE għall-protezzjoni tad-data. L-approċċ ġenerali parzjali jinkludi dispożizzjonijiet li huma kruċjali għas-settur pubbliku kif ukoll dispożizzjonijiet relatati ma' sitwazzjonijiet speċifiċi tal-ipproċessar ta’ data.

Il-Kunsill kellu wkoll dibattitu dwar il-mekkaniżmu "one stop shop", abbażi ta' proposta ppreżentata mill-Presidenza. Il-maġġoranza tal-Ministri approvaw l-istruttura ġenerali tal-proposta u l-Presidenza kkonkludiet li jeħtieġ li, fix-xhur li ġejjin, issir iktar ħidma teknika.

Andrea Orlando, Ministru Taljan għall-Ġustizzja u President tal-Kunsill, qal: "Illum qbilna fuq tnejn fost l-aktar kwistjonijiet politikament sensittivi dwar ir-riforma tal-protezzjoni tad-data. Fil-fehma tagħna, dan hu riżultat importanti għall-Presidenza, u pass deċiżiv lejn il-kisba ta’ ftehim globali dwar dan il-fajl kumpless u importanti”.

Proċedimenti ta' insolvenza

Il-Kunsill approva l-qbil politiku li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew dwar regoli ġodda għall-UE kollha dwar proċedimenti ta' falliment [insolvenza].

Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jżidu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċedimenti transkonfinali ta’ insolvenza, li jkun ta' benefiċċju għad-debituri u l-kredituri, jiffaċilita s-sopravivenza tan-negozji u jagħti ċans ieħor lill-imprendituri.

Kwistjonijiet oħra

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar żewġ proposti: direttiva dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti fil-kawża fi proċess kriminali u regolament li jemenda r-Regolament Ewropew dwar it-talbiet żgħar u r-Regolament dwar l-ordni ta' ħlas Ewropea.

Iż-żewġ ftehimiet iwittu t-triq għall-ftuħ ta' negozjati mal-Parlament Ewropew.

AFFARIJIET INTERNI

Ġestjoni tal-flussi migratorji

Il-Ministri laqgħu l-progress li sar s’issa fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet operazzjonali identifikati mit-Task Force għall-Mediterran u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta’ Ottubru 2014 dwar "It-teħid ta’ azzjoni għal ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji".

Huma laqgħu wkoll it-tnedija b’suċċess fl-1 ta’ Novembru tal-Operazzjoni Triton iffinanzjata mill-UE li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sorveljanza tal-fruntieri fl-ilmijiet qrib ix-xtut Taljani. Il-Presidenza rringrazzjat lill-pajjiżi kollha li qed jieħdu sehem f’din l-operazzjoni li qed titmexxa mill-Frontex għall-kontribut attiv tagħhom għas-suċċess tal-operazzjoni.

Rigward l-azzjoni f’pajjiżi terzi, il-Kunsill esprima l-apprezzament tiegħu għar-riżultati li nkisbu f'laqgħat ministerjali reċenti ospitati mill-Presidenza Taljana.

Angelino Alfano, Ministru Taljan għall-Intern u President tal-Kunsill, qal: "Matul id-diskussjonijiet tagħna, tennejna l-importanza tal-konklużjonijiet adottati fil-Lussemburgu f'Ottubru. Issa għandna approċċ sostenibbli b'reazzjoni għall-pressjoni migratorja b’mod strutturat, li jmur lil hinn mill-miżuri ta’ emerġenza immedjati. Jeħtieġ li jsir progress fuq din il-linja"

Ġellieda Barranin

Il-Kunsill kellu diskussjoni approfondita dwar il-kwistjoni tal-ġellieda barranin, abbażi ta' dokument konsultattiv imħejji mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. Il-Ministri pprovdew gwida politika dwar żewġ oqsma speċifiċi fejn jeħtieġ li jsir aktar progress: ir-rispons ġudizzjarju u aktar titjib fl-iskambju ta' informazzjoni.

Angelino Alfano, Ministru Taljan għall-Intern u President tal-Kunsill, qal: "Ħadna nota kif jixraq tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri mfasslin biex jittrattaw il-fenomenu tal-ġellieda barranin. Aħna lkoll esprimejna l-appoġġ tagħna għal aktar ħidma f’dawn l-oqsma."

Il-Kunsill adotta wkoll il-linji gwida dwar l-Istrateġija tal-UE kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

Direttiva tal-UE dwar il-PNR

Il-Ministri qablu dwar l-urġenza li tiġi adottata d-direttiva dwar l-użu tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati terroristiċi u reati kriminali serji, skont il-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew.

Il-Kunsill reġa' għamel appell lill-Parlament Ewropew biex jadotta mill-aktar fis possibbli l-pożizzjoni tiegħu sabiex jibdew in-negozjati mal-Kunsill.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI 6

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

ĠUSTIZZJA 8

Regolament dwar il-protezzjoni tad-data 8

Preżunzjoni ta' innoċenza 9

Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew 9

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (EUROJUST) 10

Proċedimenti ta' insolvenza 11

Proċedura Ewropea għal talbiet żgħar 11

Rikonoxximent reċiproku ta' dokumenti pubbliċi 12

Reġimi ta' proprjetà matrimonjali u effetti patrimonjali ta’ sħubijiet reġistrati 13

Informazzjoni mill-Presidenza 14

AFFARIJIET INTERNI 15

Ġestjoni tal-flussi migratorji 15

Ġlieda kontra t-terroriżmu 15

– Ġellieda barranin 15

– Linji Gwida għall-Istrateġija tal-UE kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu 16

– Strateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu 17

– Strateġija kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu 17

– Direttiva tal-UE dwar il-PNR 17

AFFARIJIET OĦRA 19

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

KUMITAT IMĦALLAT 21

Ġestjoni tal-flussi migratorji 21

Il-funzjonament taż-żona Schengen 21

– Evalwazzjonijiet ta' Schengen 21

– Is-sitt rapport biennali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen 21

Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data 22

Affarijiet oħra 22

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

– Baġit għas-SISNET għall-2015 23

– Pjan ta' Azzjoni dwar it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar bejn l-UE u r-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa 23

– Rwol tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fil-qasam alimentari 23

– Kriminalità organizzata - @ON 23

– Tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja 23

– Sigurtà interna tal-UE - Strateġija dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni 24

– Strateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea 24

– Taħriġ tal-ġuristi 24

– Ġlieda kontra l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija legali 24

– Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji 24

– Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum 25

– Linji gwida dwar il-Ġustizzja elettronika 25

– e-Codex 25

– Drittijiet tat-tfal 25

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà 25

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Koen GEENS	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Bart TOMMELEIN	Segretarju tal-Istat għall-Ġlieda kontra l-Frodi tas-Sigurtà Soċjali, il-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Baħar tat-Tramuntana, fl-Uffiċċju tal-Ministru għall-Affarijiet Soċjali u s-Servizz tas-Saħħa Pubblika
Is-Sur Jam JAMBON	Viċi Prim Ministru u Ministru għas-Sigurtà u l-Intern, responsabbli għall-Bliet il-Kbar u l-Aġenzija tal-Bini
Is-Sur Theo FRANCKEN	Segretarju tal-Istat għall-Ażil u l-Migrazzjoni, responsabbli għas-Simplifikazzjoni Amministrattiva, fl-Uffiċċju tal-Ministru għas-Sigurtà u l-Intern
Bulgarija:	
Is-Sur Hristo IVANOV	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Vesselin VUCHKOV	Ministru għall-Intern
Repubblika Ċeka:	
Is-Sinjura Helena VÁLKOVÁ	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Milan CHOVANEC	Ministru għall-Intern
Danimarka:	
Is-Sinjura Mette FREDERIKSEN	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN	Rappreżentant Permanenti
Ġermanja:	
Is-Sur Heiko MAAS	Ministru Federali għall-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur
Is-Sur Thomas DE MAIZIÈRE	Ministru Federali għall-Intern
Estonja:	
Is-Sur Andres ANVELT	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Hanno PEVKUR	Ministru għall-Affarijiet Interni
Irlanda:	
Is-Sinjura Frances FITZGERALD	Ministru għall-Ġustizzja u l-Ugwaljanza
Is-Sur Dara MURPHY	Ministru tal-Istat b'Responsabbiltà Speċjali għall-Affarijiet Ewropej u l-Protezzjoni tad-Data
Greċja:	
Is-Sur Serafim TSOKAS	Segretarju Ġenerali għall-Politika dwar il-Protezzjoni
Is-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU	Rappreżentant Permanenti
Spanja:	
Is-Sur Rafael CATALÁ POLO	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Francisco MARTINEZ	Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà
Franza:	
Is-Sinjura Christiane TAUBIRA	Għassiesa tas-Siġilli, Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Bernard CAZENEUVE	Ministru għall-Intern
Kroazja:	
Is-Sur Orsat MILJENIĆ	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Mato ŠKRABALO	Rappreżentant Permanenti
Italja:	
Is-Sur Angelino ALFANO	Ministru għall-Intern
Is-Sur Andrea ORLANDO	Ministru għall-Ġustizzja
Ċipru:	
Is-Sur Socratis HASIKOS	Ministru għall-Intern
Is-Sur Ionas NICOLAOU	Ministru għall-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku
Latvja:	
Is-Sur Dzintars RASNAČS	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Rihards KOZLOVSKIS	Ministru għall-Intern

Il-Litwanja:	
Is-Sur Juozas BERNATONIS	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Elvinas JANKEVIČIUS	Viċi Ministru għall-Intern
Lussemburgu:	
Is-Sur Etienne SCHNEIDER	Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, Ministru għas-Sigurtà Interna, Ministru għad-Difiża
Is-Sur Christian BRAUN	Rappreżentant Permanenti
Ungerija:	
Is-Sur László TRÓCSÁNYI	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Károly KONTRÁT	Segretarju Parlamentari tal-Istat u Viċi Ministru, Ministeru għall-Intern
Malta:	
Is-Sur Owen BONNICI	Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Is-Sinjura Marlene BONNICI	Rappreżentant Permanenti
Olanda:	
Is-Sur Ivo OPSTELTEN	Ministru għas-Sigurtà u l-Ġustizzja
Is-Sur Fred TEEVEN	Ministru għall-Immigrazzjoni (inkarigat ukoll minn kwistjonijiet ta' Sigurtà u Ġustizzja)
Awstrija:	
Is-Sur Wolfgang BRANDSTETTER	Ministru Federali għall-Ġustizzja
Is-Sinjura Johanna MIKL-LEITNER	Ministru Federali għall-Intern
Polonja:	
Is-Sur Grzegorz GRABARCZYK	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Piotr STACHAŃCZYK	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Intern
Portugall	
Is-Sur António COSTA MOURA	Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja
Is-Sinjura Anabele RODRIGUES	Ministru tal-Amministrazzjoni Interna
Rumanija:	
Is-Sur Robert-Marius CAZANCIUC	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sur Bogdan TOHĂNEANU	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Affarijiet Interni
Slovenja:	
Is-Sur Goran KLEMENČIČ	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sinjura Vesna GYÖRKÖS ŽNIDAR	Ministru għall-Intern
Slovakkja:	
Is-Sinjura Monika JANKOVSKÁ	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Ġustizzja
Is-Sinjura Marian SALOŇ	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Intern
Finlandja:	
Is-Sinjura Anna-Maja HENRIKSSON	Ministru għall-Ġustizzja
Is-Sinjura Marjo ANTTOORA	Segretarju tal-Istat għall-Ministru għall-Intern
Svezja:	
Is-Sur Morgan JOHANSSON	Ministru għall-Ġustizzja u l-Migrazzjoni
Is-Sur Anders YGEMAN	Ministru għall-Affarijiet Interni
Renju Unit:	
Is-Sur Chris GRAYLING	Lord Chancellor u Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja
Is-Sinjura Theresa MAY	Segretarju tal-Istat għad-Dipartiment tal-Intern

---

Kummissjoni:	
Is-Sinjura Věra JOUROVÁ	Membru
Is-Sur Dimitris AVRAMOPOULOS	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

ĠUSTIZZJA

Regolament dwar il-protezzjoni tad-data

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar kwistjonijiet speċifiċi tal-abbozz ta’ regolament li jistabbilixxi qafas ġenerali tal-UE għall-protezzjoni tad-data (*16140/14*), bl-intendiment li:

– ma jkun intlaħaq qbil dwar xejn sakemm jintlaħaq qbil dwar kollox;

– ikun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kwistjoni orizzontali;

– ma jagħtix mandat lill-Presidenza biex tidħol fi trilogi informali mal-Parlament Ewropew dwar it-test.

L-approċċ ġenerali parzjali jinkludi artikoli li huma kruċjali għall-kwistjoni tas-settur pubbliku (l-Artikolu 1, l-Artikolu 6, paragrafi (2) u (3), l-Artikolu 21), kif ukoll il-Kapitolu IX (dispożizzjonijiet relatati ma' sitwazzjonijiet speċifiċi tal-ipproċessar ta’ data) u l-premessi relatati.

Il-Kunsill kellu wkoll dibattitu dwar il-mekkaniżmu "one stop shop" abbażi ta' proposta ppreżentata mill-Presidenza (*15656/1/14 REV 1*). Il-biċċa l-kbira tal-Ministri approvaw l-istruttura ġenerali tal-proposta u kkonkludew li jeħtieġ li, fix-xhur li ġejjin, issir aktar ħidma teknika abbażi ta' dawn l-elementi.

F'Ottubru u Diċembru 2013 il-Kunsill diġà wera l-appoġġ ġenerali tiegħu għall-prinċipju li, f'każijiet transnazzjonali importanti, ir-regolament għandu jistabbilixxi mekkaniżmu "one stop shop" sabiex tittieħed deċiżjoni superviżorja unika, li għandha tkun rapida, tiżgura applikazzjoni konsistenti, tipprovdi ċertezza legali u tnaqqas il-piż amministrattiv. Dan huwa fattur importanti biex tittejjeb il-kosteffiċjenza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għan-negozju internazzjonali, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir tal-ekonomija diġitali.

Il-Ministri kkonkludew ukoll li l-esperti għandhom jesploraw metodi biex titjieb il-"prossimità" bejn l-individwi u l-awtorità superviżorja tat-teħid ta' deċiżjonijiet billi l-awtoritajiet superviżorji lokali jiġu involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Barra min hekk, f'Diċembru 2013, is-Servizz Legali tal-Kunsill indika li bil-mudell li rriżulta mill-ħidma teknika li saret s'issa, is-soġġetti tad-data ser ikollhom jittrattaw ma' sistema li tant kemm hi kkumplikata mhijiex kompatibbli mad-dritt għal rimedju effettiv.

Il-proposta attwali tipprova takkomoda t-tħassib tas-Servizz Legali tal-Kunsill u ssaħħaħ il-"prossimità". Skont il-proposta, il-mekkaniżmu one stop shop għandu jintervjeni biss f'każijiet transkonfinali importanti u ser jikkonsisti f'kooperazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet b'mod konġunt bejn diversi awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data kkonċernati. Il-proposta attwali tiddikjara li d-deċiżjoni maqbula b’mod konġunt ser tiġi adottata mill-awtorità għall-protezzjoni tad-data li tkun fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-aktar protezzjoni effettiva mill-perspettiva tas-suġġett tad-data. Fil-prattika, dan ifisser li ser tkun l-awtorità lokali li ser tadotta d-deċiżjoni fil-każijiet kollha fejn il-persuna li tressaq l-ilment tista' tiġi affettwata minnha b’mod negattiv, biex b'hekk id-deċiżjoni tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data tkun tista' tiġi riveduta mill-qorti ta' dik il-persuna stess.

Preżunzjoni ta' innoċenza

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva dwar it-tisħiħ ta’ ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti fil-kawża fi proċess kriminali (*16531/14*).

L-għan ta’ din id-Direttiva huwa li ssaħħaħ id-dritt għal proċess ġust fi proċess kriminali billi tistabbilixxi regoli minimi dwar ċerti aspetti tal-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt li wieħed ikun preżenti fil-kawża fi proċess kriminali.

Dan l-approċċ ġenerali jikkostitwixxi l-bażi għal negozjati mal-Parlament Ewropew sabiex jintlaħaq qbil dwar it-test finali tad-direttiva.

Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-proposta dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

Il-Ministri kellhom ukoll dibattitu ta’ orjentazzjoni dwar l-aħjar mod kif tista' tiġi żgurata l-indipendenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju. It-test attwali hu bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-Prosekuturi Ewropej ser jissorveljaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri ta' oriġini tagħhom, u li l-istruzzjonijiet lill-Prosekuturi Delegati Ewropej fl-Istati Membri ser jiġu trasmessi permezz tagħhom.

Sabiex jiżguraw u jsaħħu l-indipendenza tal-Prosekuturi Ewropej, il-Ministri qablu li jiddiskutu f’aktar dettall it-tisħiħ tar-regoli fl-Artikoli 13 (dwar il-ħatra u t-tkeċċija tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Viċi Kapijiet Prosekuturi Ewropej) u 14 (dwar il-ħatra u t-tkeċċija tal-Prosekuturi Ewropej), f'konformità ma' dak li hu ssuġġerit mill-Presidenza (*15862/1/14 REV 1*) u abbażi ta’ abbozz ta’ test ġdid.

F’Marzu 2014, il-Kunsill organizza diskussjoni dwar l-istruttura tal-uffiċċju, u dwar id-delimitazzjoni tal-kompiti u l-kompetenzi tiegħu. B'mod ġenerali, il-Ministri qablu li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ser ikun organizzat abbażi ta’ kulleġġ ta' prosekuturi li joriġinaw mill-Istati Membri.

F'Ġunju 2014, il-Kunsill ikkonferma, bħala l-bażi għal aktar diskussjoni, il-prinċipji ta’ UPPE strutturat f'kulleġġi. Il-Ministri kkonfermaw ukoll il-prinċipju li l-UPPE jkollu kompetenza ta’ prijorità li jinvestiga u jipproċedi kontra reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (*9834/1/14 REV 1*), iżda li, fil-prinċipju, l-awtoritajiet nazzjonali ser iżommu kompetenza parallela.

Ir-regolament propost għandu l-għan li jiġġieled ir-reati kriminali kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jintroduċi l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew b’kompetenza f’dak il-qasam. Il-bażi legali u r-regoli għall-istabbiliment tal-UPPE huma stipulati fl-Artikolu 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Ir-regolament propost ser jiġi adottat f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali: il-Kunsill ser jiddeċiedi unanimament wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew. Jekk ma tkunx tista' tintlaħaq unanimità fil-Kunsill, it-trattati jipprevedu li grupp ta' mhux inqas minn disa' Stati Membri jistgħu jwettqu kooperazzjoni msaħħa.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha fis-17 ta' Lulju 2013 (*12558/13*).

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (EUROJUST)

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali rigward Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) (*16139/14*). Id-dispożizzjonijiet relatati mal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kapitolu IV dwar il-protezzjoni tad-data ġew esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali peress li huma marbuta ma’ proposti leġislattivi oħra li għad iridu jiġu konklużi.

Il-proposta għandha l-għan li żżid l-effiċjenza tal-Eurojust bl-istabbiliment ta' mudell ġdid ta' governanza. Din għandha wkoll l-għan li ttejjeb l-effettività operazzjonali tagħha permezz ta' definizzjoni omoġenja tas-setgħat u l-istatus tal-Membri Nazzjonali. Il-bidliet prinċipali jikkonċernaw id-distinzjoni bejn il-funzjonijiet operazzjonali u maniġerjali tal-Kulleġġ; l-istabbiliment ta’ Bord Eżekuttiv; dispożizzjonijiet ġodda dwar il-programmazzjoni annwali u pluriennali; ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Bord Eżekuttiv; u deskrizzjoni dettaljata tar-responsabbiltajiet u l-kompiti tad-Direttur Amministrattiv.

Dan ir-Regolament il-ġdid jissimplifika l-funzjonament u l-istruttura tal-Eurojust f’konformità mat-Trattat ta’ Lisbona. Huwa jżid ukoll il-leġittimità demokratika tal-Eurojust: il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fil-futur ser ikunu aktar involuti fl-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha f'Lulju 2013 (*12566/13*).

Proċedimenti ta' insolvenza

Il-Kunsill approva l-qbil politiku li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew dwar regoli ġodda għall-UE kollha dwar proċedimenti ta' falliment [insolvenza] (*15414/14* + *ADD 1*).

Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċedimenti transkonfinali ta’ insolvenza, li jkun ta' benefiċċju għad-debituri u l-kredituri, jiffaċilita s-sopravivenza tan-negozji u jagħti ċans ieħor għall-imprendituri. Permezz tagħhom, ir-regolament attwali dwar l-insolvenza jsir konformi mal-iżviluppi fil-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza introdotti minn meta daħal fis-seħħ fl-2002.

Għal aktar informazzjoni, ara l-istqarrija għall-istampa.

Proċedura Ewropea għal talbiet żgħar

Il-Kunsill laħaq qbil dwar approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament Ewropew dwar Talbiet Żgħar u l-ordni ta’ ħlas Ewropea (*15841/14*). L-approċċ ġenerali jikkostitwixxi l-bażi għal negozjati mal-Parlament Ewropew sabiex jintlaħaq qbil dwar it-test finali tar-regolament.

L-objettiv tar-Regolament emendatorju propost huwa li jtejjeb l-effiċjenza tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, b’mod partikolari billi jirrifletti l-progress teknoloġiku li sar fis-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri, u biex il-proċedura ssir aċċessibbli f’numru kbir ta’ każijiet, b’mod partikolari għan-negozji.

Għal dak il-għan, l-approċċ ġenerali maqbul jinkludi l-emendi li ġejjin:

– id-duplikazzjoni tal-limitu għal talba żgħira miċ-ċifra attwali ta’ EUR 2.000 għal EUR 4.000;

– l-obbligu tal-Istati Membri li joffru ħlas tal-ispejjeż tal-qorti mill-bogħod;

– użu ikbar ta’ teknoloġija moderna għal seduti orali u t-teħid tal-provi, għal komunikazzjonijiet bejn il-qorti u l-partijiet, u l-istabbiliment ta’ qafas ġenerali li jippermetti, taħt ċerti kondizzjonijiet, l-użu ta’ servizz elettroniku ta’ dokumenti;

– li titnaqqas kemm jista' jkun il-ħtieġa tat-traduzzjoni (u l-ispejjeż relatati) fir-rigward taċ-ċertifikat meħtieġ għall-infurzar ta' sentenza mogħtija fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar;

– il-ħolqien ta' rabta bejn il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u l-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea billi r-rikorrent ikun jista' juża l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar meta tkun ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni kontra Ordni ta' ħlas Ewropea.

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hi strument importanti għaċ-ċittadini u n-negozji peress li ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja billi tissimplifika l-litigazzjoni dwar talbiet żgħar transkonfinali fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali u tnaqqas l-ispejjeż. Din ġiet stabbilita bir-Regolament 861/2007 u ilha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2009.

Is-sentenzi mogħtija skont din il-proċedura huma rikonoxxuti u eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-ħtieġa ta’ dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà. Il-proċedura hi fakultattiva, u tiġi offruta bħala alternattiva għall-possibbiltajiet li jeżistu skont il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

Rikonoxximent reċiproku ta' dokumenti pubbliċi

Il-Kunsill kellu diskussjoni dwar l-abbozz ta’ regolament dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini u n-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea.

Id-diskussjoni ffukat fuq erba' kwistjonijiet: l-ambitu, it-traduzzjonijiet, il-formoli standard b'diversi lingwi u r-relazzjonijiet bejn ir-regolament futur u strumenti oħra. Il-Ministri adottaw linji gwida dwar

dawn il-kwistjonijiet għall-kontinwazzjoni tal-ħidma fil-livell tekniku (*15843/14*). Skont il-linji gwida, l-ambitu tal-proposta ser jiċkien biex ikopri biss il-qasam tal-istat ċivili.

Ir-regolament propost għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri għall-użu u l-aċċettazzjoni transkonfinali tad-dokumenti pubbliċi bejn l-Istati Membri, biex b’hekk isir kontribut għall-ħolqien ta’ Ewropa taċ-ċittadini u Suq Uniku li jaħdem tajjeb għan-negozji tal-UE.

Il-kamp ta' applikazzjoni oriġinali tal-proposta jkopri dokumenti pubbliċi maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li għandhom valur evidenzjali formali rigward twelid, mewt, isem, żwieġ, sħubija reġistrata, filjazzjoni, adozzjoni, residenza, ċittadinanza, nazzjonalità, proprjetà immobbli, status ġuridiku u rappreżentanza ta’ kumpanija jew impriża oħra, drittijiet tal-proprjetà intellettwali u nuqqas ta’ rekord kriminali. Permezz tar-regolament propost, dokumenti bħal dawn ser ikunu eżentati minn kull forma ta’ legalizzazzjoni u formalitajiet simili. Dokumenti mħejjija minn persuni privati u dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet ta’ Stati terzi huma esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi formoli standard multilingwi tal-UE dwar twelid, mewt, żwieġ, sħubija reġistrata u status ġuridiku u rappreżentanza ta’ kumpanija jew impriża oħra.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha fl-24 ta' April 2013 (*9037/13*).

Reġimi ta' proprjetà matrimonjali u effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati

Il-Kunsill ingħata informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' żewġ proposti: ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi tal-proprjetà matrimonjali u dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati (*16171/14*).

Dawn il-proposti jikkompletaw il-qafas ta' strumenti tal-UE ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-liġi tal-familja, li jikkonsisti mir-Regolament Brussell IIa f'materji ta' divorzju u responsabbiltà tal-ġenituri (ir-Regolament 2201/2003), ir-Regolament Ruma III dwar il-liġi applikabbli għad-divorzju (ir-Regolament 1259/2010) u r-Regolament dwar l-obbligi ta' manteniment (ir-Regolament 4/2009) u r-Regolament dwar is-Suċċessjoni (ir-Regolament 650/2012).

Iż-żewġ regolamenti għandhom l-għan li jiddeterminaw liema mħallef ser ikollu ġurisdizzjoni f'materji ta' reġimi ta' proprjetà matrimonjali u l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati u liema liġi ser tapplika f'dan ir-rigward. Ser tiġi ggarantita wkoll iċ-ċirkolazzjoni libera ta' sentenzi f'dak il-qasam b'mod simili għal kif jiġu rikonoxxuti u eżegwiti s-sentenzi skont ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni.

Iż-żewġ Regolamenti ma jaffettwawx l-istituzzjonijiet sottostanti taż-żwiġijiet u s-sħubijiet, li jibqgħu materji li huma ddefiniti bil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. M'hemm xejn li jobbliga lil dawk l-Istati Membri li l-liġi tagħhom ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata, li jipprevedu dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward.

Ir-regolamenti jinkludu wkoll sensiela ta' salvagwardji sabiex jiġu rrispettati s-sistemi legali nazzjonali. Pereżempju, ir-regolamenti ma jobbligawx lil Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni ta' sħubija, biex jassumi l-ġurisdizzjoni, u f'dak il-każ speċifiku huma previsti raġunijiet għal ġurisdizzjoni alternattiva sabiex jiġi żgurat li s-sħab jibbenefikaw minn forum ta' ġurisdizzjoni prevedibbli.

Sa fejn possibbli, iż-żewġ regolamenti fihom dispożizzjonijiet paralleli, sabiex jiġi żgurat trattament ugwali ta' konjugi u sħab.

In-negozjati li saru fil-Kunsill wasslu għal progress sinifikanti fir-rigward taż-żewġ regolamenti. Madankollu, xi Stati Membri kienu jeħtieġu aktar żmien biex jikkompletaw il-proċess ta' riflessjoni interna tagħhom. Fuq dik il-bażi, il-Presidenza Taljana ppreżentat test ta' kompromess possibbli dwar iż-żewġ regolamenti, li jirrifletti x-xogħol li sar s'issa, u fetħet perijodu ta' riflessjoni interna.

Il-Kunsill ser jerġa' jeżamina din il-materja mill-aktar fis possibbli, u sa mhux aktar tard minn tmiem l-2015.

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Presidenza dwar għadd ta' proposti leġislattivi, inkluż:

– id-direttiva dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali minn awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (*15730/14*);

– id-direttiva dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (*15490/14*);

– id-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (*15221/14*).

AFFARIJIET INTERNI

Ġestjoni tal-flussi migratorji

Il-Ministri ngħataw informazzjoni mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet operazzjonali identifikati mit-Task Force għall-Mediterran (TFM) u dwar is-segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta’ Ottubru 2014 dwar “Tittieħed azzjoni biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi migratorji”.

Il-Kunsill ħa nota tal-iskeda ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni u laqa’ l-progress li nkiseb s’issa fl-implimentazzjoni ta’ dawn l-azzjonijiet operazzjonali.

Il-Ministri laqgħu t-tnedija b'suċċess fl-1 ta' Novembru tal-operazzjoni Triton iffinanzjata mill-UE li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sorveljanza fil-fruntieri fl-ilmijiet qrib ix-xtut Taljani. Il-Presidenza rringrazzjat lill-pajjiżi kollha li qed jieħdu sehem f’din l-operazzjoni li qed titmexxa mill-Frontex għall-kontribut attiv tagħhom għas-suċċess tal-operazzjoni.

Fiċ-ċentru tad-dibattitu kien hemm ukoll il-ħtieġa li jissaħħaħ l-impenn tal-UE fir-rigward tar-risistemazzjoni.
Il-Kummissjoni ssottolinjat il-ħtieġa urġenti għal sforz Ewropew addizzjonali fir-rigward tar-risistemazzjoni tar-refuġjati u indikat li attwalment qiegħda tqis il-possibbiltà li tippreżenta qafas għal proġett pilota dwar ir-risistemazzjoni.

Filwaqt li xi Stati Membri ssottolinjaw l-importanza ta’ inizjattiva bħal din, b’kont meħud, b'mod partikolari tad-distribuzzjoni żbilanċjata tar-refuġjati fosthom, oħrajn kienu tal-fehma li r-risistemazzjoni tista’ ssir biss abbażi ta’ approċċ volontarju.

Fir-rigward tal-azzjoni f'pajjiżi terzi, il-Kunsill esprima l-apprezzament tiegħu għar-riżultati tal-Konferenzi Ministerjali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp (Proċess ta' Rabat) u dwar l-inizjattiva l-ġdida dwar il-Qarn tal-Afrika (Proċess ta' Kartum), li saru fis-27 u t-28 ta' Novembru f'Ruma. Huma laqgħu wkoll ir-riżultati tal-laqgħa tal-Ministri għall-Intern u għall-Affarijiet Barranin tal-UE, bl-għan li jkun hemm koordinazzjoni aħjar tal-aspetti interni u esterni tal-migrazzjoni.

Il-Ministri stiednu lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu jinfurmaw lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet rilevanti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin relatati mal-ażil u l-migrazzjoni.

Ġlieda kontra t-terroriżmu

– ***Ġellieda barranin***

Il-Kunsill kellu diskussjoni approfondita dwar il-kwistjoni tal-ġellieda barranin, abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. Il-Ministri taw gwida politika dwar żewġ oqsma speċifiċi fejn jeħtieġ li jsir aktar progress: ir-rispons ġudizzjarju u aktar titjib fl-iskambju ta' informazzjoni.

Fir-rigward tar-rispons ġudizzjarju, il-Ministri qablu li jivvalutaw il-ħtieġa li tiġi aġġornata d-Deċiżjoni Qafas 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, speċjalment fid-dawl tal-adozzjoni reċenti tar-Riżoluzzjoni 2178 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

Fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, il-Kunsill qabel dwar il-ħtieġa li l-Europol jingħata l-informazzjoni kollha rilevanti u li jingħaqad mal-istrutturi ta’ kooperazzjoni li qed jiġu stabbiliti fl-aġenzija. Huwa stieden ukoll lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-possibbiltajiet ta’ skambju ta’ informazzjoni dwar prosekuzzjonijiet u kundanni mal-Eurojust.

Il-Presidenza Taljana ppreżentat ukoll xi inizjattivi speċifiċi żviluppati matul is-semestru, bħall-istabbiliment, fi sħubija mal-Europol, ta’ netwerk ta’ punti ta’ kuntatt dwar ġellieda barranin, li miegħu diġà ssieħbu 10 Stati Membri.

Il-Ministri ħadu nota tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri maħsuba biex jittrattaw dan il-fenomenu u esprimew l-appoġġ tagħhom li titkompla l-ħidma f’dawn l-oqsma.

Il-Kunsill ser jerġa’ lura għall-kwistjoni tal-ġellieda barranin fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

– ***Linji Gwida għall-Istrateġija tal-UE kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu***

Il-Kunsill approva linji gwida għall-Istrateġija tal-UE Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu. Dawn il-linji gwida tfasslu biex jimplimentaw l-Istrateġija riveduta tal-UE adottata mill-Kunsill f’Ġunju 2014 (*9956/14*).

Din ir-reviżjoni ntalbet mill-Ministri għall-Affarijiet Interni f’Ġunju 2013 (*9447/13*) u tfasslet wara Komunikazzjoni tal-Kummissjoni f’Jannar ta’ din is-sena dwar il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti (*5451/14*).

L-objettiv ewlieni tal-istrateġija hu li tipprevjeni li n-nies isiru radikalizzati, li jiġu radikalizzati u li jiġu rreklutati għat-terroriżmu u li tipprevjeni l-ħolqien ta' ġenerazzjoni ġdida ta’ terroristi.

Għal dan il-għan, l-istrateġija riveduta tenfasizza l-ħtieġa ta':

– promozzjoni tas-sigurtà, il-ġustizzja, u opportunitajiet indaqs għal kulħadd
– żgurar li espressjonijiet tal-fehma tal-maġġoranza jipprevalixxu fuq dawk tal-estremiżmu
– tisħiħ tal-komunikazzjoni tal-gvernijiet
– appoġġ għall-messaġġi kontra t-terroriżmu
– ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu online
– taħriġ, tisħiħ tal-kapaċitajiet u involviment tal-professjonisti ewlenin fis-setturi rilevanti kollha
– appoġġ lil individwi u lis-soċjetà ċivili biex jibnu reżiljenza
– appoġġ għal inizjattivi ta' diżinvolviment
– appoġġ għal aktar riċerka dwar ix-xejriet u l-isfidi tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu
– allinjament ta' ħidma interna u esterna kontra r-radikalizzazzjoni

– ***Strateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu***

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ippreżentat mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (*15799/14* + *ADD 1*).

Ir-rapport jiġbor fil-qosor l-aħħar riżultati fl-oqsma differenti tal-istrateġija u jelenka dawk l-oqsma fejn ser jittieħdu miżuri. Huwa jkopri l-perijodu minn Diċembru 2012 sa nofs Ottubru 2014.

L-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu ġiet adottata f'Diċembru 2005 u tipprovdi l-qafas għall-attività tal-UE f'dan il-qasam (*14469/4/05 REV 4*).

– ***Strateġija kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu***

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ippreżentat mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija riveduta dwar il-finanzjament tat-terroriżmu (*12243/14*).

Ir-rapport tfassal f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u jiddeskrivi l-progress li sar fil-kisba tal-għanijiet imsemmijin fl-istrateġija riveduta. Huwa jagħmel ukoll għadd ta’ rakkomandazzjonijiet dwar il-mod kif l-istrateġija tiġi implimentata b'mod aktar effettiv.

Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali li tiffoka fuq il-perijodu bejn il-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport fl-2011 u Lulju 2014.

L-istrateġija riveduta dwar il-finanzjament tat-terroriżmu ġiet approvata mill-Kunsill f'Lulju 2008 (*11778/1/08 REV 1*). Din tat il-kompitu lill-Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, li jiżgura s-segwitu tagħha.

– ***Direttiva tal-UE dwar il-PNR***

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza rigward il-proposta għal direttiva dwar l-użu tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u reati serji.

Il-Ministri qablu dwar l-urġenza li din id-Direttiva tiġi adottata, skont il-mandat tal-Kunsill Ewropew, u reġgħu għamlu appell lill-Parlament Ewropew biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu mill-aktar fis, sabiex ikun jista’ jibda n-negozjati mal-Kunsill.

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu f'April 2012 (*8916/12*)

L-għan ġenerali tad-direttiva proposta huwa li tiġi stabbilita sistema koerenti għall-UE kollha dwar id-data marbuta mal-passiġġieri f'titjira, billi jinħoloq mudell uniku tal-UE għall-Istati Membri kollha li jkunu qed jieħdu sehem fir-regoli l-ġodda u billi tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, ikun meħtieġ li t-trasportaturi bl-ajru kollha li jkunu qed itiru fuq rotot koperti mir-regoli l-ġodda jipprovdu data tal-PNR lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. Madankollu, dawn l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jużaw id-data - li diġà qed tinġabar mit-trasportaturi bl-ajru - ħlief għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terrorsitiċi u reati (transnazzjonali) serji.

AFFARIJIET OĦRA

Taħt affarijiet oħra, il-Kunsill ingħata informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali ta' għadd ta' proposti leġislattivi, inkluż:

– id-direttiva dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skop ta' riċerka, studju, skambju ta' studenti, taħriġ bi ħlas u bla ħlas, servizz volontarju u au pairing (Riformulazzjoni);

– ir-regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 rigward id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' minorenni mhux akkumpanjati mill-ebda membru tal-familja, aħwa jew qraba legalment preżenti fi Stat Membru.

Il-Presidenza infurmat lill-Ministri dwar:

– l-eżitu tal-aħħar Laqgħa Ministerjali ĠAI bejn l-UE u l-Istati Uniti li saret f'Washington fit-12 u t-13 ta' Novembru 2013;

– l-attivitajiet tal-Kumitat Speċjali għall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus (CRIM) stabbilit mill-Parlament Ewropew;

– Ir-Raba' Konferenza Ministerjali Ewro-Afrikana dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp (il-Proċess ta' Rabat), li saret f'Ruma fis-26 u s-27 ta' Novembru 2014;

– l-Inizjattiva dwar ir-Rotta tal-Migrazzjoni bejn l-UE u l-Qarn tal-Afrika (il-"Proċess ta' Kartum"), li saret f'Ruma fit-28 ta' Novembru 2014;

– il-Laqgħa Konġunta Informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin u l-Ministri għall-Intern, li saret f'Ruma fis-27 ta' Novembru 2014.

Id-delegazzjoni Slovena infurmat lill-Ministri dwar l-eżitu tal-Konferenza Ministerjali tal-Forum ta' Salzburg, li saret f'Brdo pri Kranju (is-Slovenja) fil-11 u t-12 ta' Novembru 2014

Il-Ministri Latvjani infurmaw lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza Latvjana li jmiss tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, f'liema oqsma l-Presidenza biħsiebha taħdem b'mod intensiv, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew.

Il-Presidenza ser tiffoka fuq ir-rinforz tal-qafas għall-protezzjoni tad-data, iż-żieda tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, it-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali fi proċessi kriminali u l-iżvilupp ulterjuri tal-aġenda ġustizzja għat-tkabbir.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet marbutin mal-Ġustizzja, il-Presidenza ser tiffoka fuq it-tisħiħ tal-qafas għall-protezzjoni tad-data, it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, it-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali fi proċessi kriminali u l-iżvilupp ulterjuri tal-aġenda ġustizzja għat-tkabbir.

Il-Ministru għall-Affarijiet Interni enfasizza l-flussi tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu b’enfasi speċjali fuq il-ġellieda barranin, u l-Istrateġija ta’ Sigurtà Interna bħala suġġetti importanti għall-qasam tal-Affarijiet Interni fis-sitt xhur li ġejjin.

KUMITAT IMĦALLAT

Ġestjoni tal-flussi migratorji

Il-kumitat ingħata informazzjoni mill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet operazzjonali identifikati mit-Task Force għall-Mediterran (TFM) u dwar is-segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta’ Ottubru 2014 “Tittieħed azzjoni biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi migratorji”.

Ara l-punt ta' hawn fuq

Il-funzjonament taż-żona Schengen

– *Evalwazzjonijiet ta' Schengen*

Il-kumitat kellu skambju ta’ fehmiet dwar ir-rapport dwar l-għeluq u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar 15-il sena ta' evalwazzjonijiet ta’ Schengen fi ħdan il-Kunsill.

Ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi u l-kisbiet ta’ "Schengen" matul l-aħħar 15-il sena fi ħdan il-Kunsill u jiddeskrivi b'mod ġenerali r-rwol futur tal-Kunsill li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta’ governanza ta’ Schengen.

Wara l-iskambju ta’ fehmiet, il-Kunsill approva l-konklużjonijiet.

– *Is-sitt rapport biennali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen*

Il-kumitat iddiskuta s-sitt rapport biennali tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament taż-żona Schengen (l-1 ta' Mejju 2014 sal-31 ta' Ottubru 2014) (*15783/14*) u laqa' l-ħidma li kienet saret matul l-aħħar xhur rigward it-tisħiħ taż-żona Schengen u ż-żieda tal-fiduċja reċiproka.

F'Ġunju 2011, il-Kunsill Ewropew iddikjara li jeħtieġ li jkomplu jissaħħu l-gwida politika u l-kooperazzjoni fiż-żona Schengen, biex tiżdied il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Fit-8 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta konklużjonijiet (*7417/12*) fir-rigward ta' linji gwida għat-tisħiħ tal-governanza politika fiż-żona Schengen. Fil-konklużjonijiet, il-Kunsill qabel li darba matul kull Presidenza jsiru diskussjonijiet f'livell ministerjali dwar dik il-kwistjoni, u laqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tippreżenta rapporti regolari dwar il-kwistjoni f'dak ir-rigward.

Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data

Il-kumitat ġie mgħarraf mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali (*15730/14*) tal-proposta għal direttiva dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali minn awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta’ prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta’ reati kriminali jew ta’ eżekuzzjoni ta’ pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-data.

Affarijiet oħra

Taħt affarijiet oħra, il-kumitat ingħata informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali ta' għadd ta' proposti leġislattivi, inkluż:

– il-Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti;

– ir-regolament li jistabbilixxi viża itineranti u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 562/2006 u (KE) Nru 767/2008

– ir-Regolament dwar il-Kodiċi tal-Unjoni dwar il-Viżi (Kodiċi tal-Viża) (riformulazzjoni).

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Baġit għas-SISNET għall-2015

Il-Kunsill adotta l-baġit għall-installazzjoni u l-funzjonament tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen (SISNET) għall-2015. Il-baġit totali huwa ta' EUR 755.000. Għal aktar informazzjoni, ara *15483/14*.

Pjan ta' Azzjoni dwar it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar bejn l-UE u r-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa

Il-Kunsill approva l-Pjan ta' Azzjoni dwar it-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar bejn l-UE u r-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa għall-perijodu 2015-2019. Għal aktar dettalji, ara *15516/14*.

Rwol tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fil-qasam alimentari

Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fil-qasam alimentari (*15623/14*).

Kriminalità organizzata - @ON

Il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar l-istabbiliment ta' netwerk operazzjonali - @ON - biex jiġġieled kontra gruppi tal-kriminalità serja u organizzata tat-tip mafjuż.

Għal aktar informazzjoni, ara *14929/1/14 REV 1*.

Tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja (*15445/14*).

Il-Latvja implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data u hija intitolata li tirċievi u tipprovdi data personali.

Sigurtà interna tal-UE - Strateġija dwar il-Ġestjoni tal-Informazzjoni

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar Strateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni (IMS) aġġornata għas-sigurtà interna tal-UE kif jinsabu fid-dokument *15701/1/14 REV 1*.

L-IMS għandha l-għan li tappoġġa, tissimplifika u tiffaċilita l-ġestjoni tal-informazzjoni meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-iskambju transkonfinali tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-awtoritajiet ġudizzjarji li jittrattaw materji kriminali. L-IMS tagħti gwida dwar kif il-ħtiġijiet tan-negozju jinbidlu fi strutturi u kontenut, u tistabbilixxi numru ta’ oqsma prinċipali li fihom jistgħu jinkisbu għanijiet strateġiċi.

Strateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea, kif jinsabu fid-dokument *15670/14*.

Taħriġ tal-ġuristi

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar it-"Taħriġ tal-ġuristi: għodda essenzjali biex jiġi kkonsolidat l-acquis tal-UE" kif jinsabu fid-dokument *16142/14*.

Ġlieda kontra l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija legali

Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija legali permezz tat-traċċabbiltà u l-monitoraġġ tal-fluss finanzjarji, b’mod partikolari rigward l-akkwist pubbliku (*13311/5/14*).

Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji, adottata fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 (*15113/13*).

Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum (*12052/14*).

Linji gwida dwar il-Ġustizzja elettronika

Il-Kunsill adotta l-linji gwida għall-implimentazzjoni prattika tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Ġustizzja elettronika għall-perijodu mill-2014 sal-2018. Għal aktar dettalji, ara *15771/14*.

e-Codex

Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar is-sostenibbiltà tal-e-CODEX. Għal aktar informazzjoni, ara *15774/14*.

Il-proġett pilota fuq skala kbira e-CODEX tnieda skont il-Pjan ta' Azzjoni pluriennali 2009-2013 dwar il-Ġustizzja elettronika Ewropea, bil-għan li jaħdem esklużivament fuq ir-realizzazzjoni ta' wħud mill-funzjonijiet previsti ta' Ġustizzja elettronika Ewropea kif deskritt f'dan il-Pjan ta' Azzjoni, speċjalment id-dematerjalizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Drittijiet tat-tfal

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif jinsabu fid-dokument *15559/14*.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà

Il-Kunsill ta l-kunsens tiegħu għar-regolamenti finanzjarji li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà (EUISS). Ir-regolamenti finanzjarji riveduti jieħdu kont tal-bidliet introdotti fil-proċedura baġitarja bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/75/PESK, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li waslu mill-Kulleġġ tal-Awdituri tal-EUISS.